MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 281/2013

Appell Numru: 281/2013

Il-Pulizija

Vs

Andy Debono

Illum, 26 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Andy Debono, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 378483M talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru, 2012 sa Jannar, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Mirabelle Caruana u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill imsemmi imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti fissret il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Andy Debono pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lil appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevoka u thassarha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' xahar prigunerija, u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timponi din il-Qorti.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi hu minnu bhala fatt li bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Attard moghtija fis-26 ta' Mejju, 2004:
"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi

l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizja (Spet. T. Micallef) vs John Gauci, "Illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (<u>u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena."* (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri) [sottolinear ta' din il-Qorti]"

Illi fil-kaz odjern tal-appellant Andy Debono, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, u l-piena lanqas ma hi wahda sproporzjonata meta wiehed ihares lejn il-mod li bih il-ko0ntravenzjoni ta' min ma jhalladx manteniment normalment tigi punita.
Pero` f'dan il-kaz, kif gara fil-kaz tal-Appell Kriminali citata supra fl-ismijet il-Pulizija (Spettur T. Micallef) vs John Gauci, u fil-kaz ta' Ir-Reppublika ta' Malta vs Carmen Butler" ser jirriuzlta li fil-mori tal-appell, l-appellant ser ikun hallas dak dovut minnu bhala manteniment skond l-imputazzjoni, u ghalhekk ser tkun propju sehhet "*cirkostanz sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti",* li l-ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista` taghti lok ghal temperament fil-piena.
Illi jigi umilment sottomess illi dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment izda hu spicca f'dan l-inkiwet fl-isfond li l-impieg tieghu spicca, u genwinament m'ghandux flus minn fejn ihallas.
Illi fl-ahharnett jigi wkoll rilevat illi l-appellant ukoll mhuwiex bniedem refrettarju.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u Mirabelle Caruana ghandhom zewg ulied komuni li jisimhom Kaylie u Brittany. Permezz ta' rikors ipprezentat fis-sbatax (17) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) fl-atti tal-medjazzjoni numru 1546/10 Mirabelle Caruana talbet sabiex l-appellant jigi ordnat ihallas manteniment taz-zewg ulied taghhom liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) fejn il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas manteniment fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€ 150) ghal kull wiehed mill-imsemmija ulied

minuri. Jidher illi l-appellant ma hallasx il-manteniment dovut ghax-xhur ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) sa Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

L-appellant però fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) ammetta l-akkuza dedotta kontrih. Inghatat sentenza fejn gie ikkundannat ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell il ghaliex deherlu illi s-sentenza kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu. Hu irrileva illi hu ma riedx jisfida l-ordni tal-Qorti izda hu spicca bla impjieg u ghalhekk genwinament ma kellux flus minn fejn ihallas. Fil-mori ta' dan l-appell però l-appellant hallas l-ammont dovut lill-parti leza u fil-verbal tal-ghaxra (10) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant hallas il-bilanci dovuti u missier il-parti leza Raymond Caruana iddikjara illi bintu ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

Jibda biex jinghad illi n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment ordnat minhabba persuna tisfa bla xoghol mhiex skuza illi tigi accettata minn din il-Qorti u l-gurisprudenza hija kopjuza f'dan ir-rigward. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Anthony Saliba" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 1998 intqal "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien illi jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri 18/09/2002 u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud 15/10/2009).

Jidher illi l-appellant ha decizjoni unilaterali illi jwaqqaf il-manteniment ordnat mill-Qorti. Dan ma setax jaghmlu u l-parti leza allura kienet gustifikata illi taghmel rapport lill-pulizija biex jipprocedu kontra l-appellant kif fil-fatt gara. Mal-ewwel seduta l-appellant ammetta l-akkuza u ghalhekk il-Qorti mhiex ser tidhol fil-kwistjoni tal-mertu dwar jekk l-akkuza gietx pruvata jew le. Bl-ammissjoni tieghu l-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief illi tghaddi ghall-kundanna tal-appellant kif fil-fatt ghamlet. Din il-kundanna qieghda fil-parametri tal-ligi u normalment taht dawn ic-

cirkostanzi l-Qorti tal-Appell tkun riluttanti illi tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Però, f'dan il-kaz din il-Qorti mhiex aversa ghas-sitwazzjoni li nholqot fil-mori ta'dan l-appell meta l-appellant hallas dak li huwa dovut lill-parti leza biex b'hekk illum din m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant ghal dak li jirrigwarda din il-kawza. Hawnhekk il-Qorti tiddikjara illi filwaqt illi dan il-hlas ma jaghmel l-ebda differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija, ikun il-kaz ta' temperament fil-piena bhalma gara fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Publius Said" deciza fil-25 ta' Settembru 2003 fejn intqal, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontroversja fil-Kodici Kriminali fl-1993, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena ...". Dan huwa proprju dak illi ser taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha u thassarha in kwantu l-appellant gie ikkundannat ghal piena ta' xahrejn prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------